**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 47/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**AB**

**Illum, 30 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **AB.**

Akkużat talli nhar it-22 ta' Jannar 2021 bejn is-14:30hrs u t-14:45hrs ġewwa Paola:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' BC f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe` offiża ta' natura gravi fuq ħuh, l-istess BC, hekk kif iċċertifikatu Dr. Melissa Sammut (Med Reg. 6269) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola;

2. Ħebb għal ħuħ BC sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra AB a benefiċċju ta' BC u l-familjari tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta`ta' BC u l-familjari tiegħu jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil AB b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi AB sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;[1]

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali ntavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Awwissu 2021, li permezz tagħha indika illi jidhirlu illi tista' tinstab ħtija fl-imputat taħt dak maħsub:

1. Fl-artikoli 214, 216(1)(2), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022, l-imputat iddikjara illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;[3]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, u t-trattazzjoni finali tad-difiża;

Rat illi l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

---

[1] Ara a fol. 8 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 144 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 158 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi dawn il-proċeduri jirrigwardaw ġrajjiet li seħħew nhar it-22 ta' Jannar 2021 ġewwa Raħal Ġdid. Jirriżulta mix-xhieda tal-**Ispettur Audrey Micallef**, u dan fid-dawl ta' dak li ntqal lilha minn PS 1395 mill-Għassa ta' Raħal Ġdid, minn CD u minn BC, illi dakinhar l-imputat AB flimkien ma' missieru CD segwew b'vettura lil BC, ħu l-istess AB u iben CD, u dan wara li BC telaq ħesrem mid-dar residenzjali fejn kienu qegħdin ilkoll ftit tal-ħin qabel. Jirriżulta in oltre minn din ix-xhieda illi dan seħħ peress illi dawn għarfu illi mumenti qabel, l-istess BC kellu xi diverbju ma' terza persuna fuq it-telefon u illi għalhekk seta' jinqala' xi saram. Meta dawn naqsu milli jikkonvinċu lil BC sabiex jirritorna lura, AB ħareġ mill-vettura li kien fiha u ħa l-*mobile phone* ta' BC, u hemmhekk BC ħass daqqiet b'xi ħaġa iebsa fuq rasu, it-tnejn waqgħu mal-art u sussegwentement BC ħass it-tieni daqqa f'rasu. Wara dan BC, AB u missierhom CD irrikorrew ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid, fejn hemmhekk BC, li kellu d-dmija ma' wiċċu, allega illi kien ġie aggredit mill-imputat b'oġġett iebes li ma kienx jaf x'inhu[4], fil-presenza ta' missierhom, ġewwa Triq F. Tortell, Raħal Ġdid.  BC ittieħed b'ambulanza ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, fejn ġie ċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi[5].  L-Ispettur Micallef tixhed ukoll illi PC 815 informaha illi nstabu diversi għadajjar ta' dmija[6] fil-post fejn allegatament seħħ l-inċident, fejn marru wkoll Uffiċjali tal-Pulizija mit-Taqsima Forensika, iżda la nstabu armi regolari u lanqas irriżulta illi kien hemm xi *CCTVs* fil-post tal-inċident[7].  Tixhed ukoll illi l-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-drittijiet li jikkonsulta u jkun assistit minn avukat, fejn fil-preżenza tal-avukat tiegħu, għażel, kif kellu kull dritt li jagħmel, illi ma jweġibx għall-mistoqsijiet rigwardanti l-każ.[8]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi minkejja illi l-Prosekuzzjoni ħarrket lil **CD** sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri, huwa għażel li ma jixhidx u dan tenut kont tal-fatt illi kemm l-allegat vittma BC, kif ukoll l-imputat AB, huma wliedu.[9]

---

[4] Ara f'dan is-sens ukoll ix-xhieda ta' PS 1395 Warren Chris Muscat, a fol. 67 *et seq* tal-proċess.

[5] Ara x-xhieda ta' **Dr. Melissa Sammut**, a fol. 57 sa 59 tal-proċess u ċ-ċertifikat rilaxxjat minnha fil-konfront ta' BC, a fol. 16 tal-proċess.  Ara wkoll madankollu r-relazzjoni u x-xhieda tal-espert **Dr. Mario Scerri**, a fol. 117 *et seq* tal-proċess.

[6] Ara x-xhieda ta' **PC 815 Leonard Mizzi**, a fol. 107 *et seq* tal-proċess, fejn huwa jgħid *inter alia* illi meta huwa mar ġewwa Triq Tortell, Raħal Ġdid, kien hemm traċċi ta' demm.

[7] Ara x-xhieda ta' **PS 959 Daniel Formosa** u r-ritratti esebiti minnu, a fol. 87 *et seq* tal-proċess.

[8] Ara x-xhieda tal-Ispettur Audrey Micallef, a fol. 47 sa 56 tal-proċess.  Ara wkoll ix-xhieda ta' **PS 2223 Charlene Calleja**, a fol. 91 *et seq* tal-proċess.

[9] Ara a fol. 60 *et seq* tal-proċess.

Hekk ukoll l-allegat vittma **BC** iddikjara li huwa ma xtaqx jixhed fil-konfront ta' ħuh, filwaqt illi ddikjara wkoll illi xtaq jaħfirlu.[10]

Il-Qorti tqis illi f'punt minnhom fix-xhieda tiegħu, **PS 1395 Warren Chris Muscat** jixhed illi "*AB qalilna li kellu xi argument fi Triq Tortell ma' ... Xi argument ma' huh fi Triq F. Tortell Rahal Gdid u tah xi daqqiet f'rasu u kien hemm xi dmija mal-art ukoll. U ghalhekk bghatt lil PC 1815*[11] *qabel ma kkumpanjah il-Poliklinik biex jara x'kien hemm u ma kienx hemm u jiccekkja l-cameras ukoll...*"[12] (sottolinear tal-Qorti), u dan wara li ftit qabel xehed illi BC ittieħed iċ-Ċentru tas-Saħħa, akkumpanjat minn PC 1815. Jixhed ukoll illi huwa arresta lill-imputat għaliex "*BC beda jghidilna li kien huh li "Tani daqqa, weggħani," u kien mimli demm u dak il-hin peress li huwa kien is-suspettat u l-vittma li qed tghid li kien hu zgur, ahna zammejnieh dak il-hin"*[13]. Jgħid in oltre illi huwa kellem lill-imputat wara li ġie arrestat u ngħata d-drittijiet tiegħu, "*kellminieh ftit*"[14] u jgħid illi huwa tkellem l-iżjed ma' BC. Jgħid in oltre illi wara li tah id-drittijiet tiegħu bil-fomm, jidhirlu li l-imputat qallu li xtaq ikellem avukat u hu "*ma staqsejtux affarijiet li jista jinkrimina lilu nnifsu fl-ebda mument*".[15] Meta ġie ssuġġerit lilu mill-Qorti illi huwa qal fix-xhieda tiegħu illi l-imputat kien qal li kien hu (b'referenza għall-ġrieħi nflitti fuq BC), ix-xhud iwieġeb "*AB ma qalx li hu kien illi dak*" u "*BC qal illi kien AB*".[16] Wara jżid jgħid illi "*AB meta jiena tajtu d-drittijiet kull ma kellimtu biex forsi dejjem bl-ghazla tieghu jiena wara li tajtu d-dritt jigifieri wara li gie arrestat, ghidtlu jekk iridx jghidilna x'gara u ma garax. Fejn hu dak il-hin tani ftit dettalji zghar imma fl-ebda hin ma qalli li kien hu li wegga lil huh jew tah id-daqqiet hu.*"[17] Il-Qorti għalhekk tqis illi għalkemm fil-bidu tax-xhieda tiegħu, PS 1395 qal illi l-imputat kien qalilhom illi kien hu li ta daqqiet lil ħuh, jidher illi hawn ix-xhud kien qed jirreferi għal dak li qal BC u mhux dak li qal l-imputat, tant illi iżjed l-isfel jiċċara dan u jgħid illi fil-fatt kien BC li kien qal illi kien ħuh li aggredih, u illi l-imputat fl-ebda waqt ma kien ammetta dan. Fir-rigward, il-Qorti tinnota illi fil-fatt mit-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda jirriżulta wkoll illi iżjed 'il fuq, fejn ix-xhud erronjament jirreferi għal dak li skont hu kien qal l-imputat, fl-istess waqt ikompli x-xhieda billi jirreferi b'mod ċar għal BC, għalkemm ma jsemmihx b'ismu, u dan stante li jirreferi għall-fatt illi huwa bagħat lil PC 1815 sabiex jakkumpanjah fiċ-Ċentru tas-Saħħa, b'referenza ċara għalhekk għal BC u mhux għall-imputat.

---

[10] A fol. 63 *et seq* tal-proċess.
[11] Mill-atti proċesswali jirriżulta illi dan kien fil-fatt PC 815 Leonard Mizzi.
[12] A fol. 68 tal-proċess.
[13] A fol. 72 tal-proċess.
[14] A fol. 74 tal-proċess.
[15] A fol. 76 tal-proċess.
[16] A fol. 76 tal-proċess.
[17] A fol. 77 tal-proċess.

Il-Qorti tqis ukoll, sewwa sew kif issottomettiet id-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha, illi ebda wieħed mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma kienu xhieda okulari. Dawn ix-xhieda fil-maġġor parti huma Uffiċjali tal-Pulizija li nvolvew ruħhom wara l-allegat inċident u t-tagħrif tagħhom dwar l-akkadut irċevewh mingħand BC u fil-każ ta' xi wħud minnhom, anke mingħand CD, wara li dawn irrikorrew ġewwa l-Għassa tal-Pulizija. Din ix-xhieda hija għalhekk xhieda fuq kliem ħaddieħor, l-ammissibilita` ta' liema hija regolata mil-liġi u mertu ta' ġurisprudenza kopjuża.

L-artikoli tal-liġi relevanti dwar xhieda fuq kliem ħaddieħor huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reżi applikabbli għall-Kodiċi Kriminali bl-Artikolu 645 tal-istess Kodiċi. L-Artikolu 598 tal-Kap. 12 jgħid hekk:

> (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
>
> (2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

L-Artikolu 599 tal-istess Kap. 12, imbagħad, jgħid hekk:

> Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi</u>** fejn ingħad hekk:

"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:

"'*Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*'

...

"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[18]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."

Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ġunju 2012, fl-istess ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-

[18] Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja** tas-26 ta' Mejju 2005 ingħad hekk: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. …..”

Illi għaldaqstant tenut kont tal-prinċipji suesposti, fid-dawl tal-fatt illi BC u CD baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi in kwantu dirett sabiex jagħmel prova tal-kontenut tiegħu, il-kliem li qalu l-istess BC u CD lill-Uffiċjali tal-Pulizija, kif rapportat minnhom, jikkostitwixxi *hearsay evidence* u għalhekk huwa inammissibbli bħala prova tal-veraċita` tiegħu. Dan ifisser illi minkejja li jirriżulta ppruvat illi BC sofra ġrieħi dakinhar tat-22 ta' Jannar 2021, li skont ix-xhieda tal-espert Dr. Mario Scerri kienu ħfief, ma jirriżultawx provi li a bażi tagħhom il-Qorti tista' ssib lill-imputat ħati talli kkaġuna dawk l-istess ġrieħi, jew talli ħebb għal ħuh jew talli nġurjah jew heddu, jew inkella talli kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika, fit-termini tal-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet odjerni ma ġewx ippruvati fil-grad li trid il-liġi, u għalhekk se tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena dwar l-istess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **AB** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-imputat AB, ta' BC u ta' CD u dan sabiex tipproteġi l-identita` tal-istess BC.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat